MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Numru 483/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDRA MAMO**

**VS**

**ISABELLE PACE**

**Illum 15 ta’ Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Isabelle Pace ta’ 38 sena, mart Adrian, bint Lewis Sammut u Olga nee’ De Carlo, imwielda Sliema fit-8 ta’ Novembru 1963 u residenti Il-Girna, St. John the Evangelist Street, Bahar ic-Caghaq, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 617563 (M);

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, u cioe’ fis-6 ta’ Frar 2001, u/jew fil-jiem qabel u wara din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz;

b) bil-qerq holqot jew geghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

c) iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

d) bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, u cioe’ lil Adrian Pace, akkuzatu quddiem awtorita’ kmpetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna, cioe’ Adrian Pace, huwa innocenti.

Wara illi rat l-Artikoli 188, 110(1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja ta' l-imputata, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija Isabelle Pace hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-Piena, din il-Qorti, filwaqt li ssibha hatja, qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma' tikkommettix reat iehor, fiz-zmien sena (1) mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------